MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Numru 99999/9999

**Il-Pulizija**
(Spettur Anthony Cassar)

**vs**
**Jonathan Aquilina**

Illum 17 ta' Frar 2005.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jonathan Aquilina ta' 22 sena iben Victor u Grace xebba Scicluna u residenti gewwa 103, Triq Felice, Zabbar u detentur tal-Karta ta' l-identita bin-numru 351682 (M).

Talli:
Fl-14 ta' Mejju 2002 ghal-habta tat-8.15pm go Triq il-Gnien, Zabbar halla senter ta' l-ghamla Browning go vettura bin-numru IAD 702 Golf bis-seriel number KOIN P

21553 fil-prezenza ta’ persuna minghajr licenzja mahruga mill-kummissarju tal-Pulizija, minghajr ghata, ikkargat b’zewg skratacc ghal- barrel ta’ taht, fuq is-seat ta’ wara tal-vettura.

Akkuzat wkoll talli kien minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat.

1. Mix-xhieda jirrizulta li l-akkuzat ghandu licenzja biex izomm arma. Il-Qorti jkollha tistrih fuq ix-xhieda ta’ l-akkuzat ghax il-prosekuzzjoni ma gabitx l-ahjar prova. Jirrizulta li l-akkuzat flimkien ma Jurgen Cassar, li ghandu l-licenzja biex igorr arma, u Jennifer Azzopardi fl-14 ta’ Mejju 2002 ghal-habta tat-8.15p.m. hargu b’vettura IAD 702 Golf. Hargu ghal-kacca imma l-arma, senter ta’ l-ghamla Browning, intuza biss minn Jurgen Cassar li ghandu l-licenzji kollha.
2. F’xi hin l-irgiel hargu mill-karozza u s-senter thalla fil-karozza fejn baqghet Jennifer Azzopardi li ma ghanda l-ebda sura ta’ licenzja.
3. Il-Qorti ma tistax taqbel ma l-abbli difensur ta’ l-akkuzat li ghax halla l-arma f’idejn Cassar kien farfar minn fuqu kull responsabilita u kien responsabbli ta’ kollox Cassar.
4. L-akkuzat u Cassar kienu flimkien b’karozza propjeta’ ta’ l-akkuzat. F’xi hin marru jfittxu xi habib u s-senter thalla fil-karozza fil-prezenza ta’ persuna li m’ghanda l-ebda licenzja, minghajr ghata u kien fih l-iskratacc esebiti.
5. L-ghan tal-ligi hu li thares lin-nies u l-akkuzat li l-karozza hija tieghu kif inhi l-arma ma ha l-ebda prekawzjoni. Seta’ per ezempju jdahhal l-arma fil-‘booth’ tal-karozza (ara ‘Il-Pulizija vs Muscat John’ Appell Kriminali 23/04/04).
6. Ghalhekk li l-akkuzat ma kellhux permess tal-Pulizija ma tirrizultax imma tirrizulta l-akkuza l-ohra

jigifieri li halla arma tan-nar bl-iskratacc fiha fil-karozza meta kien hemm persuna wahidha li ma kellha ebda licenzja. Il-Qorti issibu hati kif inghad.

Rat l-artikolu 8(1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundanna lill-akkuzat hamsin lira Maltija (LM50) multa. Tordna l-konfiska ta’ l-arma u ta’ l-iskratacc, kollox kif esebiet quddiema formalment.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------